DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/34/UE

tal-31 ta' Mejju 2010

li temenda l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward tal-estensjoni tal-użu tas-sustanza attiva penconazole

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/77/KE [2], il-penconazole ġie inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, bid-dispożizzjoni speċifika li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw biss l-użi fis-serer u li n-notifikatur għandu jibgħat iktar informazzjoni dwar l-imġiba tal-metabolit tal-ħamrija U1, u xi jsir minnu, sal-31 ta' Diċembru 2011.

(2) Fis-6 ta' Mejju 2009, in-notifikatur bagħat l-informazzjoni meħtieġa lill-Ġermanja, li kienet maħtura bħala l-Istat Membru relatur skont ir-Regolament (KE) Nru 451/2000 [3]. Il-Ġermanja evalwat l-informazzjoni addizzjonali u, fis-6 ta' Novembru 2009, bagħtet lill-Kummissjoni addendum għall-abbozz tar-rapport tal-evalwazzjoni dwar il-penconazole, li kien iċċirkolat għall-kummenti lill-Istati Membri l-oħra u lill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Fil-kummenti li waslu ma tqajmux oġġezzjonijiet kbar u l-Istati Membri l-oħra u l-EFSA ma semmew ebda punt li jista' jeskludi l-estensjoni tal-użu. L-abbozz tar-rapport tal-evalwazzjoni, flimkien ma' dak l-addendum, ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u ġie ffinalizzat fil-11 ta' Mejju 2010 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-penconazole.

(3) L-informazzjoni l-ġdida dwar l-imġiba tal-metabolit U1, u xi jsir minnu, mibgħuta min-notifikatur u l-evalwazzjoni l-ġdida mwettqa mill-Istat Membru relatur indika li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-penconazole jistgħu jkunu mistenija, b'mod ġenerali, li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, partikolarment għall-użi intenzjonati kif stipulat fid-dossier oriġinali li ġew eżaminati u analizzati fid-dettall fir-rapport tar-reviżjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, ma għadx baqa' l-bżonn li l-użu tal-penconazole jiġi ristrett għas-serer, kif inhu stipulat fid-Direttiva 91/414/KEE kif emendata mid-Direttiva 2009/77/KE.

(4) Bla ħsara għal din il-konklużjoni, jixraq li jinkiseb iktar tagħrif dwar ċerti punti speċifiċi. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/414/KE jistipula li l-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness I tista' tiġi suġġetta għal xi kundizzjonijiet. Għalhekk, jixraq li n-notifikatur jiġi mitlub jibgħat iktar informazzjoni dwar l-imġiba tal-metabolit tal-ħamrija CGA179944, u xi jsir minnu, f'ħamrija aċidika.

(5) Għaldaqstant, jixraq li d-Diretttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, qabel it-30 ta' Ġunju 2010, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jgħaddu minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella tal-korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju 2010.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif trid issir din ir-referenza.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 172, 2.7.2009, p. 23.
[3] ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.

ANNESS

Fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, il-kolonna "Dispożizzjonijiet speċifiċi" tar-ringiela 292 hija emendata kif ġej:

(1) Il-Parti A tinbidel b'dan li ġej:

"PARTI A

L-użu bħala fungiċida biss jista' jiġi awtorizzat."

(2) Fir-raba' paragrafu tal-Parti B tal-ewwel sentenza:

"L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li tingħata iktar informazzjoni dwar id-destin u l-imġiba tal-metabolit tal-ħamrija U1."

għandu jinbidel bi:

"L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li tingħata iktar informazzjoni dwar l-imġiba tal-metabolit tal-ħamrija CGA179944, u xi jsir minnu, fil-ħamrija aċidika."